**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTONIO G. VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 7 ta' Mejju 2024**

**Rikors Guramentat numru ; 250/2023 AGV**

**AC**

**HM , u bì**

**nota datata 25 taì April, 2024,**

**HM cediet il-kawza fiisimha**

**Vs**

**Id-Direttur tar-Registru Pubbliku;**

**u Dr Joseph P. Bonnici u PL Joeline Pace Ciscaldi**

**bhala Kuraturi Deputati**

**Sabiex jirraprezentaw lill-minuri M**

**Illum maghrufa bil-Kunjom CL, U bìdigriet datat 7 taì Mejju, 2024,**

**H M giet kjamata in kawza**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-rikors guramentat taì AC , datat 25 taì Ottubru 2023;**

**Jesponi bir-rispett u bil-gurament tieghu jikkonferma:**

## A. DIKJARAZZJONI TAL-FATTI

ILLI r-rikorrenti kienu mizzewwgin liema relazzjoni giet terminata xi zmien ilu u ukoll isseparaw u kisbu id-divorzju (**Dok. A**)

ILLI nhar it-28 ta íJannar 2014 fiz-zmien meta z-zwieg bejn ir-rikorrenti kienet ghadu fis-sehh ir-rikorrenti HM welldet tifla, illi illum ghandha disaì snin u sebaì xhur u illi nghatat l-isem taì MCL ;

Illi l-imsemmija minuri MCL giet irregistrata fl-Att tat-Twelied 138554 bhala bint r-rikorrenti AC (Kopja originali tal-imsemmi Att tat-Twelid qed tigi hawn anness esebiti u mmarkat bhala **Dok . B )** u dan abbazi tal-fatt, li dak iz-zmien r-rikorrenti kienu mizzewgin;

Illi peress illi r-rikorrenti  AC kien ghadu firelazzjoni mar-rikorrenti  HM, l-istess rikorrent qatt ma kkontesta d-dikjarazzjoni relattiva ghall-paternitaì tal-imsemmija minuri, kif kontenuta fl-Att tat-Twelid relattiv;

Illi kien wara illi r-relazzjoni bejn ir-rikorrenti sfaxxat fix-xejn illi HM  stqarret lil A C  illi l-minuri  M  maghrufa bil-kunjom  CL ,probabbli ma kienetx bintu;

Illi ghalhekk r-rikorrenti hadu l-passi necessarji sabix isiru testijiet taì DNA relattivi sabiex bìhekk tigi kkonfermata r-relazzjoni taì  paternita o meno, bejn A C  u bejn il-minuriM  maghrufa bil-kunjom  CL

Illi  effettivament mir-rapport relattiv ghall-imsemmija testijiet , datat 11 taì Settembru 2023 u redatt minn Marisa Cassar , Laboratory Director fi hdan Bio DNA Laboratory Services irrizulta illi l-possibilitaì illi jistaì ikun missier biologiku taì  M  maghrufa bil-kunjom  CL , huwa totalmet inezistenti  (Kopja taì dan r-rapport qed tigi hawn annessa u esebita u mmarkata bhala DOK. C)

Illi r-rikorrenti  HM  ma tafx minn hu missier biologiku taì bintha Mghaliex kellha izjed minn relazzjoni sesswali wahda fiz-zmien li giet ikkonceputa bintha;

Illi ghaldaqstant r-rikorrenti iridu illi l-imsemmija minuri M maghrufa bil-kunjom  CL ma tibqax maghrufa bhala bint AC   , stante illi kjarament dan mhix il-kaz ;

Illi dawn il-fatti kif hawn fuq dikjarati huma a diretta konoxxenza tar-rikorrenti t-tnejn lìhuma.

**B. RAGUNI GHAT-TALBIET FìDAWN IL-PROCEDURI**

Ghalhekk r-rikorrenti qeghdin jaghmlu din il-kawza sabiex l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara illi l-minuri M Maghrufa bil-Kunjom CL mìhijiex bint r-rikorrent AC u tordna illi ssir il-korrezzjoni necessarja fl-Att tat-Twelid relattiv stante illi jirrizulta kjarament illi ma hemm l-ebda relazzjoni taì paternita bejn ir-rikorrent u l-imsemmija minuri;

C. **TALBIET ATTURI**

Ghaldaqstant r-rikorrenti in vista taì dak kollu fuq premess jitolbu lill-konvenut jghidu ghaliex dina l- Onorabbli Qorti mìghandiex:-

1. Previa kull dikjarazzjoni u kull test necessarju u bl-opera occorendo taì íperiti nominandi tiddikjara illi il-minuri M, maghrufa bil-kunjom C L ma hijex bint r-rikorrent izda wild aì xi persuna ohra injota lir-rikorrent AC ;

2. Tordna illi l-Att tat-Twelid Nmru 138554 jigi korrett fis-sens illi jigi mnehhija mill-kolonna rigwardanti taghrif dwar il-Missier it-Tarbija isem u kunjom r-rikorrent A C il-professjoni, l-etaì u l-konnotti dwar fejn l-istess AC twieled u joqghod, u dwar missier ir-rikorrenti AC , bìmod li l-

minuri M maghrufa bil-kunjom CL tigi ddikjartata bint missier mhux maghruf u jigu mhassra l-kliem the father billi jigi ordnat lill-intimat Direttur tar-registru Pubbliku illi jaghmel dawn il-korrezzjonijiet u annotazzjonijiet u kull korrezzjoni u annotazzjoni relattiva.

**Rat ir-risposta guramentata tal-Avukat Joseph P. Bonnici** et nomine fil-kwalitaì taghhom premessa.

Jesponi bir-rispett u bil-gurament taghhom jikkonfermaw:

1. Illi linea preliminari l-inapplikabilitaì tal-allegati genituri rikorrenti li jokkupaw l-istess posizzjoni legali proceduri bhala rikorrenti;

2. Illi jsegwi li H M kellha tkun intimata u mhux rikorrenti;

3. Illi jsegwi li ma kienx hemm lok ghan-nomina taì kuraturi deputati biex jirraprezenatw lill- minuri stante li l-istess kwalifika tappartjeni unikament lill-istess omm biologika in vista tal-istess allegazzjoni;

4. Illi fi kwalikwe kaz ghandu jigi salvagwardjat l-interess manjanimu tal-minuri.

**Salv risposti ulterjuri.**

**Rat ir- RISPOSTA GURAMENTATA TAD-DIRETTUR TAR-REGISTRU PUBBLIKU**

*L-Avukat Neil Harrison ghan-nom u in rapprezentanza tal-istess Direttur jesponi bil-qima u bil-gurament tieghu jiddikjara u jikkonferma:*

*1.* Illi preliminarjament jirrizulta illi hemm zball fin-numru tal-karta tal-identità AC kif indikat fir-rikors promotur stante illi n-numru tal-karta tal-identità tieghu huwa '428181M' u mhux kif erronjament indikat fir-rikors promotur ossia fl-okkju bhala '31973A'. Ghaldaqstant ghandha ssir id-debita korrezzjoni appozita u dan a tenur tal-Artikolu 175 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi skont dak li jirrizulta *ictu ocoli* fl-Att tat-Twelid ta' M CL minn issa 'l quddiem "i*l-minuri*") b'numru progressiv **795/2014**, hija twieldet f'Malta nhar it-28 ta' Jannar 2014 lill-atturi u dana kif iddikjarat fl-istess Att mill-Omm HL kif jirrizulta mill-Att tat-Twelid imsemmi u anness mar-rikors promotur;

3. L-atturi issa qeghdin jishqu b'mod kongunt illi AC mhuwiex il-missier naturali u bijologiku tal-minuri;

4. Illi in kwantu ghal fatti kif iddikjarati fir-rikors jigi rilevat illi l-esponent mhuwiex edott mill-fatti li gew dikjarati fir-rikors guramentat;

5. Illi l-atturi jsahhu l-pretensjonijiet taghhom b' DNA test, liema rizultat huwa anness mar-rikors promotur u jghid illi AC is "*excluded from being the biological father of M CL ''*. Jidher izda li l-istess test tad-DNA m'huwiex guramentat u oltre minn hekk l-istess certifikat anness mar-rikors jghid *ad*

verbatim *"...If the samples were not collected by a referring person, the results of these tests are not admissible in court. The DNA result given pertains to the sample submitted for analysis"*. Illi ghalhekk dan it-test certament m'ghandux unikament jikkostitwixxi prova sufficjenti permezz ta' liema r-rikorrent jinnega l-paternità tal-minuri u dan sakemm ic-*Chain of Custody* ma tigix accertata u in oltre sakemm l-istess rizultati ma jigux guramentati mill-espert li wettaqhom ossia, Dr. Marisa Cassar;

6. In kwantu ghall-**ewwel talba**, l-esponent jirrimetti ruhu salv dak li gie suespost u salv illi din l-Onorabbli Qorti tkun sodisfatta sal-grad rikjest mil-ligi illi l-attur verament mhuwiex il-missier naturali u bijologiku tal-minuri;

7. Illi rigward it-**tieni talba**, l-atturi ghandhom jitolbu **korrezzjoni fit-talba** stante illi kemm -il darba din tintlaqa', l-korrezzjonijiet iridu jsiru fl-Att tat-Twelid numru 795/2014 u mhux dak indikat fl-istess talba kif dedotta fir-rikors promotur. **Di piu' jekk l-Qorti tilqa' t-tieni talba, ghandhom jitnehhew il-kliem *"the said"* minn wara isem u kunjom l-omm fuq l-istess Att tat-Twelid;**

8. Illi in oltre, l-partijiet ghandhom **jaqblu x'kunjom se tassumi il-minuri**, liema decizjoni ghandha tigi dikjarata mill-partijiet. Jekk se jsir xi tibdil fil-kunjom, din ghandha tigi ordnata mill-Qorti sabiex issir korrezzjoni permezz ta' annotazzjoni fuq l-Att tat-Twelid tal-minuri bin- numru 795/2014;

9. Illi finalment, rigward l-ispejjez l-esponent jirrileva li huwa **m'ghandu jsofri ebda spejjez kemm ta' dawn il-proceduri kif ukoll ta' spejjez relatati ma' testijiet tad-DNA** kemm dawk gia maghmula kif ukoll dawk eventwali li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna stante illi **kjarament ma jirrizulta ebda nuqqas di parti tal-esponent**;

10.Salv eccezzjonijiet ulterjuri skont il-ligi;

**Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li minn issa huma ngunti in subizzjoni.**

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat li, ghalkemm il-kawza tmexxiet bil-lingwa Ingliza, l-atti baqghu jigu presentati bil-Malti, u ghalhekk is-sentenza qed tinghata bil-Malti.

Rat id-digrieti moghtija fil-mori ta' dawn il-proceduri.

Rat it-test tad-DNA mahluf minn Dr Marisa Cassar fl-10 ta' April 2024.

Rat li l-kjamata in kawza, HM , qablet mal-fatti esposti mill-attur AC u accettat li taghmel tajjeb hi ghall-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri.

Rat illi l-partijiet qablu li kunjom it-tifla M CL jinbidel billi jitwaqqa' l-kunjom "C " u jibqa' l-kunjom "L'' , biex b'hekk it-tifla tigi maghrufa bhala "M L ".

**IKKUNSIDRAT:**

Illi din il-kawza tittratta dikjarazzjoni dwar il-paternita' ta' minuri. Mill-provi prodotti jirrisulta li l-attur mhuwiex il-missier biologiku tal-minuri M , li twieldet fit-28 ta' Jannar 2014, waqt iz-zwieg bejn l-attur u l-kjamata in kawza H M . Din il-prova giet ikkonfermata minn test tad-DNA maghmul minn Dr Marisa Cassar u kkonfermat minnha f' April 2024. Prova ahjar minn hekk ma hemmx. Inoltre, il-partijiet qablu wkoll li l-fatti dikjarati ghandhom mis-sewwa, u qablu wkoll li t-tifla ghandha zzomm kunjom ommha xebba, cioe' L, biex b'hekk mis-sentenza l-minuri tigi maghrufa bhala M L .

Illi d-Direttur Registru Pubbliku, fir-risposta guramentata tieghu, gibed l-attenzjoni tal-Qorti ghal dak li jirrigwarda t-**tieni talba**, li l-atturi ghandhom jitolbu korrezzjoni fit-talba stante illi kemm-il darba din tintlaqa', il-korrezzjonijiet iridu jsiru fl-Att tat-Twelid numru 795/2014 u mhux dak indikat fl-istess talba kif dedotta fir-rikors promotur. Di piu' jekk l-Qorti tilqa' t-tieni talba, ghandhom jitnehhew il-kliem *"the said"* minn wara isem u kunjom l-omm fuq l-istess Att tat-Twelid. Ghalhekk il-Qorti sejra tinkorpora wkoll dawn id-direzzjonijiet sollevati mid-Direttur fis-sentenza taghha.

Illi ghalhekk il-Qorti sejra tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti, bl-ispejjez jkunu a karigu ta' H M .

**DECIDE:**

GHAL DAWN IL-MOTIVI L-QORTI:

TILQA' T-TALBIET ATTRICI.

1. Tiddikjara illi il-minuri M , maghrufa bil-kunjom CL ma hijex bint r-rikorrent izda wild taì xi persuna ohra injota lir-rikorrent AC ;

2. Tordna illi l-Att tat-Twelid Nmru 795/2014 jigi korrett fis-sens illi jigi mnehhija mill-kolonna rigwardanti taghrif dwar il-Missier it-Tarbija isem u kunjom ir-rikorrent A C , il-professjoni, l-etaì u l-konnotati dwar fejn l-istess A C twieled u joqghod, u dwar missier ir-rikorrenti AC , bìmod li l-minuri M maghrufa bil-kunjom C L tigi ddikjartata bint missier mhux maghruf u jigu mhassra l-kliem îthe Fatherï billi jigi ordnat lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku illi jaghmel dawn il-korrezzjonijiet u annotazzjonijiet u kull korrezzjoni u annotazzjoni relattiva.

3. Tordna finalment li jitnehhew il-kliem *"the said"* minn wara isem u kunjom l-omm fuq l-istess Att tat-Twelid.

Tordna ghalhekk lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jaghmel il-korrezzjonijiet indikati hekk kif mitluba.

**L-ispejjez ghandhom jigu sopportati interament minn HM .**

**Imhallef**

**Onor. Anthony G Vella**

**Cettina Gauci – DEP REG**